

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 121/2009

tad-9 ta' Frar 2009

**li jistabbilixxi l-ammont addizzjonali li għandu jitħallas fil-Bulgarija għall-ħawħ maħsub għall-
ipproċessar għas-sena tas-suq 2007/2008 skont ir-Regolament (KE) Nru 679/2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 679/2007 tat-18 ta' Ġunju 2007 li jiffissa l-ammont tal-għaj-nuna għall-ħawħ għall-ipproċessar għas-sena tas-suq 2007/2008, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 39(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2003 tad-29 ta' Awwissu 2003 dwar regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema tal-ghajjnuna għall-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex tal-ikel ⁽²⁾, il-Bulgarija

nnotifikat lill-Kummissjoni li 119,46 tunnellata ta' ħawħ ingħatat l-ghajjnuna fl-ipproċessar fil-qafas ta' din l-iskema għas-sena tas-suq 2007/2008. Għaldaqstant il-limitu għall-ipproċessar indikat għal dan l-Istat Membru fl-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 ⁽³⁾ ma nqabiżx. L-ammont addizzjonali ta' EUR 11,92 għal kull tunnellata għandu jitħallas għall-kwantitajiet imsemmija

- (2) Għas-sena tas-suq 2007/2008, il-produtturi tar-Rumanija ma ressqu l-ebda talba għall-ghajjnuna f'dak li jirrigwarda l-ħawħ maħsub għall-ipproċessar. Għaldaqstant, f'dan l-Istat Membru mhemmx b'żonn jitħallas ammont addizzjonali għas-sena tas-suq imsemmija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ammont addizzjonali ta' EUR 11,92 kull tunnellata ħawħ maħsub għall-ipproċessar, imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 679/2007, għandu jitħallas fil-Bulgarija wara s-sena tas-suq 2007/2008.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 157, 19.6.2007, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 218, 30.8.2003, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29.